

8. It-tmien motiv huwa bbażat fuq użu ħażin ta' poter.

- Ir-rikorrenti jsostju li l-interessi moratorji li ġew imposti fuqhom iwasslu għal riżultat li jiddevja totalment mill-għanijiet li fuqhom hija msejsa d-delega lill-Kummissjoni tas-setgħa li tistabbilixxi l-interessi moratorji.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-139/15)

(2015/C 190/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér, G. Koós u A. Pálffy, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 53, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), sa fejn, f'dak li jirrigwarda l-Ungerija, teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni EUR 11 709 400 fir-rigward tal-fond għar-ristrutturazzjoni taz-zokkor.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta r-rekwiżit li l-Kummissjoni tqis applikabbli, iżda li ma jidhirx espliċitament fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi magħquda C-187/12 u C-189/12, SFIR *et*, li tgħid li fil-kuntest tal-eżami tal-applikabbiltà tal-eċċezzjonijiet li jinsabu fis-sentenza huwa importanti l-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna li għaliha tirreferi l-esklużjoni li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata. Din il-konklużjoni, skont ir-rikorrenti, minn naħa, tmur kontra l-loġika tal-programm ta' ristrutturazzjoni u min-naħa l-oħra, tinjora għal kollox l-istaġjonalità tal-produzzjoni taz-zokkor u tpoġġi f'dubju l-applikabbiltà Prattika tal-eċċezzjonijiet.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li, anki jekk l-interpretazzjoni ġuridika tal-Kummissjoni jkollha tirriżulta korretta, f'dak li jirrigwarda l-legalizzazzjoni dwar l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni – b'mod partikolari l-klassifikazzjoni tas-silos — kien hemm diffikultajiet manifesti ta' interpretazzjoni, u għalhekk, minħabba l-inċertezza, li kieku l-Kummissjoni naqqset il-kwantità eskluża mill-finanzjament tal-Unjoni hija kienet tkun qed taġixxi b'mod konformi mad-dritt, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' interpretazzjoni inerenti tal-legalizzazzjoni tal-Unjoni, u indipendentement mill-esklużjoni.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2015 – Aurora vs UASI – SES-VanderHave (M 02205)

(Kawża T-140/15)

(2015/C 190/21)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aurora Srl (Finale Emilia, l-Italja) (rappreżentant: L. Buchman, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)